**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 33/97 NC</u>***

***Pulizija***
***Supt.Nicholas Ciappara***
***v***
***Fabian Grima***

Illum 18 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Fabian Grima huma bazati fuq is-segwenti reati u fid-dati/perijodu indikati rispettivament:

*<u>Fl-10 ta' Awissu 96 u t-tlett xhur ta' qabel din id-data.</u>*

1. Pussess Illegali (semplici) tad-droga eroina u pilloli ecstasy;
2. Assocjazzjoni ghal skop ta' Traffikar;

*<u>Fis-sena 1996</u>*

3. Serq aggravat bil-persuna (xkupi)

*<u>Fit-23 ta' Mejju 1996</u>*

4. Serq aggravat bil-mezz, valur u natura tal-haga (mill-vettura *Renault*)
5. Hsara Volontarja(fuq l-istess vettura Renault u fuq il-vettura *Nissan*)

*<u>Perijodu mhux indikat</u>*

6. Ricettazzjoni

*<u>Fl-4 ta' Frar 1996</u>*

7. Serq aggravat bil-mezz, valur u natura tal-haga (mill-vettura *Nissan*)

*<u>Fl-10 ta' Awissu 96</u>*

8. Ksur tal-Ordinanza dwar Telegrafija minghajr Fili Kap.49

9. Recidivita'

***<u>Kwadru tal-fatti</u>***

Illi fuq informazzjoni li f' certu post go Rahal il-Gdid kien qed isir traffikar ta' droga, il-pulizija poggiet il-post indikat, that sorveljanza, u fl-10 ta' Awissu 1996 il-pulizija nnotat il-movimenti tal-imputat diehel minn residenza u johrog b' baskett tal-plastic. L-imputat gie osservat jidhol go karrozza flimkien ma tlett zaghazagh ohra, u dak il-hin il-pulizija intervjeniet.

Minn tficcija li saret fil-karrozza nstab u gie elevat basket tal-plastic li l-imputat ammetta li kien tieghu u go dan il-baskett kien hemm **mizien** li minn ezamijiet forensici mghamula fuqu ulterjorment irrizulta li kien hemm fuqu tracci tad-droga eroina.

Illi saru zewg tficcijiet fir-residenza tal-imputat, u nstabu diversi **oggetti li l-provenjenza taghhom kienet x' aktarx delittwusa**. Di fatti minn aktar indagini mghamula mill-pulizija, irrizulta li uhud mill-oggetti kienu gew misruqa minn zewg vetturi: wahda tal-marka *Renault* u l-ohra tal-marka *Nissan,* u kienet ukoll saret hsara fuq dawn il-vetturi. Mill-vettura Nissan registrata fuq Darren Gatt, fost l-affarijiet misruqa, kien hemm **CB radio** proprjeta u licenzjat fuq l-istess.

Illi fit-12 ta' Awissu 1996 l-imputat rrilaxxja stqarrija lill-pulizija, fejn ta spjegazzjoni, ta' kif xi uhud mill-oggetti misjuba mill-pulizija kienu ghandu.

Illi rigward s-sitt pilloli li nstabu fil-pussess tieghu – u li gew certifikati mill-espert forensiku bhala ecstasy – huwa qal li kien pilloli ecstasy xi sitt xhur ilu, izda kien ha wahda u peress li ghamlitlu d-deni kien halla l-kumplament hemmhekk.

Illi rigward il-**mizien** l-imputat spjega li ghall-ahhar ta' Mejju tas-sena 1996 huwa kien gie avvicinat minn persuna fejn talbu xi flus biex jixtri d-droga bil-proposta li meta jbighhom kien ser jirritornalu l-flus u nofs il-qligh. L-imputat accetta u kien ta' lil din il-persuna LM150, li sussegwentement irritornatlu dan l-ammont flimkien ma' LM120 rapprezentatni nofs il-qligh mill-bejgh tad-droga. F' okkazzjoni ohra l-imputat tah LM180 ghal-istess skop, u sussegwentement din il-persuna rritornatulu dan l-ammont flimkien ma' LM140 rappresentanti nofs il-qligh tal-bejgh mid-droga.

Sussegwentement, dejjem skond l-imputat, din il-persuna, li ma gietx identifikata mill-imputat, informatu li ma kienitx ser tkompli b' din l-attivita'. Kien f' dan l-istadju li l-imputat fi kliemu *"gieni il-hsieb li nhawwad xi haga ghalija."(fol.39),* bil-konsegwenza li ddecieda li jixtri l-mizien li l-pulizija sabu ghandu. Izda l-imputat malahaqx wettaq l-idea kriminuza tieghu peress li kienet intervjeniet il-pulizija.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizultaw sodisfacentement provati s-segwenti reati

**Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina f' forma ta' tracci;

**Assocjazzjoni ghal-skop ta' traffikar** – din l-akkuza minbarra li tirrizulta ampjament mill-provi, giet ammessa mid-difiza permezz ta' verbal mghamul fid-9 ta' Novembru 2001;

**Serq tal-ixkupi** – ammess minnu stess, liema reat huwa **aggravat bil-persuna**, stante li l-imputat seraq dawn l-ixkupi min fuq il-post fejn kien jahdem.

**Pussess minghajr licenzja, ta' apparat telegrafiku** minghajr fili bi ksur tal-Art.3 Kap.49;

**Recidivita'** – Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li fit-18 ta' Ottubru 94 l-imputat kien gie misjub hati minn din il-Qorti ta'reati konnessi mas-sewqan.

*Akkuzi li ma jirrizultawx provati*

Il-kumplament tar-reati ma jikkonfigurawx. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi minn imkien ma rrizulta li l-imputat kien l-awtur tas-serq u tal-hsara volontarja kommessi fuq il-vetturi fuq indikati. Il-fatt ***per se*** li whud mill-oggetti li nsterqu minn dawn il-vetturi nstabu ghand l-imputat ma jwassalx necessarjament u ragjonevolment ghal-konkluzjoni, li r-reati gew kommessi minnu. Dan il-fatt, se mai, jista' jghati lok ghal konfigurazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni, izda ma jistax, wahdu, jikkostitwixxi prova bla dubbju ragjonevoli li dawn ir-reati gew kommessi mill-imputat.

Illi rigward l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' **ricettazzjoni**, il-Qorti tosserva li fl-akkuza ma hemmx indikat il-perijodu inkriminat, u allura dak li l-imputat ammetta ghalih vis a vis l-oggetti li nstabu ghandhu ma jistghu qatt jinkwadraw fl-akkuza.

In propositu l-Qorti tosserva ulterjorment li l-akkuza ta' ricettazzjoni tinsab elenkata <u>wara</u> l-akkuzi kommessi <u>fit-23 ta' Mejju 1996</u>, izda qabel dik li fiha hemm indikata d-data 4 ta' Frar 1996, u allura jista' jigi sollevat l-argument li l-akkuza ta' ricettazzjoni tirriferi ghad-data tat-23 ta' Mejju 96. Anki jekk *dato non concesso* dan l-argument kellu jissussti, xorta wahda l-perijodi indikati mill-imputat fl-istqarrija tieghu ma jinkwadrawx f' din id-data. Fl-istqarrija tieghu (fol.38 et seq) li giet rilaxxjata fit-12 ta' Awissu 96 l-imputat meta rrefera ghaz-zmien li fihom xtara l-oggetti stqarr hekk *"madwar xahar ilu .... xi xahar ilu .... xi hmistax ilu .... xi xaharejn ilu"* dejjem minn din l-ahhar data. Rigward is CB radio l-imputat stqar li kien sabu l-mghatab *"madwar tlett gimghat ilu"(fol.40)*. L-ebda wahda minn dawn it-termini ma jinkwadraw fit-23 ta' Mejju 96.

Inoltre, l-oggetti li l-imputat stqar li kien xtrahom *"il-fuq minn tlett xhur ilu" (fol.39)* ma jifformawx (jew almenu ma giex provat li kienu jifformaw) parti mir-refurtiva li kienet insterqet miz-zewg vetturi. (vide deposizjoni Arthur Perici fol. 49 u deposizzjoni Darren Gatt fol.111-112). Ghalhekk ma jistax jinghad li dawn l-oggetti gejjin minn serq jew reat iehor kif jesigi l-Artikolu 334 tal-Kap.9

F' dan l-istadju huwa opportun li l-Qorti tirrileva li hija hasset li <u>ghandha tghati affidament ghal dak li stqar l-imputat fl-istqarrija tieghu u li tolqot din l-akkuza</u>, in vista tal-fatt li l-imputat ghamel ammissjoni cara u kompleta dwar **l-aktar reat serju** li hemm fl-akkuza u l-Qorti accettat din bhala veritiera. Konformament hija tal-fehma li ghandha taccetta bhala veritier dak li huwa qal dwar l-oggetti li nstabu ghandu, u li se mai setghu jwasslu ghal reat ta'gravita ferm anqas minn dak ta' Assocjazzjoni ghal skop ta' Traffikar.

Rigward l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici) tad-droga ecstasy**, din ma tistax treggi, stante li din it-tip ta' droga ma tidholx fit-termini "medicina **specifikata** u psikotropika". Id-droga ecstasy hija meqjusa bhala " medicina **<u>ristretta</u>** u psikotropika".*(App.Krim.244/99 Pul.v Omar Mifsud – 6.1.2000).*

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet l-Qorti hija tal-fehma li l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' ricettazzjoni ma treggix.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi mitiganti:

**Il-fedina penali** relattivament nadifa tal-imputat. Inoltre, r-reat li tieghu l-imputat kien instab hati jirrigwarda sewqan minghajr kopertura ta' assikurazzjoni u huwa certament estranew fil-generu tieghu u huwa ta' gravita ferm anqas mir-reati li instab hati f' dan il-gudizzju.

**Il-kooperazzjoni** li, almenu kif jidher mill-istqarrija tieghu, li were matur l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Minghajr l-ammissjonijiet mghamula minnu, l-oneru

tal-pulizija investigattiva kien ikun hafna akbar u aktar *time consuming* a skapitu ta' kazijiet ohra.

**Minn naha l-ohra** l-Qorti ma tistax tinjora l-***gravita' tar-reat*** ta' Associazzjoni ghal skop ta' Traffikar, li jikkontribwixxi sabiex tkompli tinxtered id-droga bi hsara ghal membri tas-socjeta'. Inoltre, dan ir-reat jista' jirrizulta ***difficli sabiex jigi pprovat,*** u ghalhekk ir-riskju li persuna tikkommetti dan ir-reat minghajr ma tinqabad huwa ferm akbar. Fil-kaz odjern, pero' l-imputat fl-istqarrija tieghu ammetta l-fatti addebitati lilu f' din l-akkuza. Dan il-fattur jimmilita favur tieghu.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi (1)(2)(4)(8) u (10) kif fuq spejgat, u, wara li rat l-Artikoli 17, 261(d) u 268 (a) tal-kap.9; u l-Artikolu 22(1)(f) (2)(B)(ii) tal-Kap.101, ir-regolament 4 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 3 tal-Kap.49 tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' ***prigunerija ghal zmien tmien xhur u multa ta' hames mitt lira maltin (LM500)***. Inoltre tikkundannah ihallas is-somma ta' sittin lira maltin u tlettax il-centezmu ***(LM60.13) spejjez*** tad-dokument AAM a tenur tal-Art.533 tal-Kap.9

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispzijar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***